# Min kien l-iskultur

## tal-Vara titulari ta' l-Assunta ta' Ħad-Dingli ?

**Kitba ta' Neville Muscat**

Ħadt pjaċir ħafna meta kont għal festa ta' Santa Marija tas-sena l-oħra u qed nitkellem mas-Sur Pawlu Azzopardi l-Viċi President tal-Każin tal-Banda ta' Ħad-Dingli u d-diskors jiġi bħaċ-ċirasa u jien għidtlu dan il-kliem "isma l-vara ta' l-Assunta ta' Ħad-Dingli, wieħed jiġi minni fil-bogħod ħadimha" Dan mill-ewwel ħataf l-opportunità hu qalli iktbilna xi ħaġa fil-ktieb li noħorġu għal Festa jekk taf dwar l-iskultur. Jien għidtlu bil-qalb kollha li nikteb artiklu dwar l-istatwarju tal-vara titulari ta' Ħad-Dingli.



Dejjem xtaqt ikolli xi opportunità li nikteb dwar dan l-iskultur għax ftit li xejn jafu dwaru u minn dejjem interessani. Tistaqsuni għalxiex? Iva, nannti Ġola omm ommi (Alla jatiha l-glorja tal-Ġenna) minn dejjem kienet tgħid li kellhom nies ta' skultura u arti fil-familja u meta staqsejta min kien kienet issemmi l-aktar lil Franġisku u kienet qaltli li l-laqam kien "Tal-Miżżewweġ". Fil-fatt kunjom nannti fi stat ta' xebba kien Busuttil. Kultant kien ikolli ftit ħin u nfittex jew naqra xi ħaġa u issa ġietni din l-opportunità biex nikteb dan l-artiklu aktar ħadtu b'interess dan il-każ. Huma bosta l-iskulturi f'dawn il-gżejjer li ħadmu diversi statwi kemm titulari kif ukoll oħrajn kemm ta' l-injam ,kartapesta u ġebel etc. Fost dawn insibu lil Antonio Busuttil, skultur li ma tantx nisimgħu dwaru. Għax kultant kif jgħidu ħu l-fama u mur orqgħod. Dan l-iskultur għalkemm ma tantx nisimgħu bih kif se naraw ħalla diversi xogħolijiet f'dawn il-gżejjer li wħud minnhom huma prominenti.

Antonio Busuttil kien mir-Rabat ġej mill-familja mlaqqma tal-'Miżżewweġ'. Familja li kellhom nies ta' l-arti . Antonio kellu żewġ subien wieħed jismu Giovanni li kien induratur u l-ieħor kien skultur kien jismu Francesco(dak li rreferejt għalih aktar 'il fuq). Antonio l-unika statwa li skolpixxa fl-injam hija dik titulari ta' Marija Assunta fil-Parroċċa ta' Ħad-Dingli. Din saret għal ħabta ta' nofs is-seklu XIX fl-1863. Hija statwa verament grazzjuża u turi lil Madonna b'idejha miftuħa tiela s-sema b'pedestall f'forma ta' qabar. Din l-istatwa nħadmet ġewwa l-ħanut tax-xogħol li dan Antonio kellu ġewwa r-Rabat. Meta kien qed jiskolpi din l-istatwa Antonio kien mgħejjun minn ibnu Francesco. Jingħad li din l-istatwa għal l-ewwel li saret kellha anġlu wieħed u fl-1934 tneħħa u saru tnejn li dawn inħadmu minn Wistin Camilleri. Din l-istatwa hija f'għamla bħal dawk ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq u l-Imqabba.

Pero' l-iskultur Antonio Busuttil kien aktar skultur għal xogħol fil-ġebel. Hawnhekk ħa nsemmi xi xogħol li għadna ngawduh sal-llum f'bosta pjazez u toroq madwar Malta u Għawdex.

Fl-1852 ħadem l-istatwi ta' San Pietru, San Pawl, San Publiju u Sant'Agata li hemm fil-faċċata tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat, Malta. Fl-1858 inħadmet l-istatwa tal-Kunċizzjoni dik li hemm fi Triq San Franġisk ir-Rabat,Malta (ħdejn is-santwarju tal-Madonna tas-Saħħa)

Fl-1860 insibu li ħadem l-istatwa tas-Salvatur li hemm fil-kantuniera tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu) quddiem il-Każin tal-Banda

L'Isle Adam. Fl-istess sena nsibu li ħadem l-istatwi tad-Duluri u San Ġużepp għal knisja ta' Stella Maris f'tas-Sliema. Kif ukoll fl-istess sena ħadem l-istatwi tal-Madonna taċ-Ċintura, ta' San Nikola ta' Tolentino u San Tumas għal Knisja ta' l-Agostinjani ġewwa l-Belt Victoria, Għawdex.

Fl-1865 ħadem statwa ta' San Ġużepp li din tinsab mall-ġenb tal-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar

Fl-1866 inħadmu l-istatwi ta' Sant'Antnin u San Franġisk li hemm ħdejn is-Santwarju tal-Madonna tas-Saħħa fir-Rabat, Malta. F'din is-sena ħadem l-istatwi tas-Salvatur, tal-Madonna, Isaija, u David li dawn jinsabu fil-faċċata tal-knisja Parrokkjali ta' San Nikola ta' Bari fis-Siġġiewi.

Statwi oħra nsibuhom fil-Belt Valletta bħal ma hija l-istatwa ta' San Pawl li hemm fi triq San Pawl, l-istatwa ta' San Franġisk di Paola fi Triq Santa Luċija. Fis-Siġġiewi nsibu l-istatwa sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab fi triq li twasslek lejn il-Pjazza. Statwa li għadha miżmuma tajjeb ħafna .Din aktarx saret fl-1850.

Ġewwa Ħal Għaxaq insibu statwa mill-isbaħ fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja parrokkjali li din tixbaħ ħafna lil istatwa titulari ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli. Statwa li wkoll tinsab miżmuma tajjeb u tiġi mżejna kemm fil-festa ta' San Ġużepp u kif ukoll f'dik ta' Santa Marija.

F'Ħal Luqa nsibu statwa tal-Kunċizzjoni
Fil-Birgu nsibu żewġ statwi mportanti li huma dik ta' San Lawrenz f'Misraħ ir-Rebħa li saret fl-1877 u dik ta' San Duminku li tinsab fi Triq il-Mina li saret fl-1880.

Dawn kienu xi xogħolijiet li nafu dwarhom. Min jaf kemm sar xogħol iżjed u ma nafux bih bħal xogħolijiet li jkunu saru għal djar privati,palazzi u anke knejjes ta' pajjiżna. Hija ħaġa sabiħa li f'Ħad-Dingli hemm triq wara l-ground msemmija għal dan l-iskultur li ħadem il-vara titulari ta' dan ir-raħal. Wara kollox qed infakkru artist Malti li ħallielna xogħolijiet li kif wieħed seta jara ma tobsorx li ħadem dawk l-istatwi kollha.

**Ref:**

Statwi Titulari u l-istatwarji tagħhom -Guido Lanfranco
Il-Festi Tagħna għadd nru 29 - Arsitarco Cefai


J.azz
Jesmond Azzopardi
Brass Instruments Service & Repairs
24K Gold & Silver Plating on Mouthpieces & Brass Instruments
"Sagittarius"
Triq Patri Ġeraldu Paris
Baħrija RBT 03
E-mail: j.azz@global.net.mt
Tel: 2145 0822
Mob: 9945 8416

Ċali
Prop. Chalie Bonello
IL-ĦAJJAT
69, TRIQ SANTU WISTIN
RABAT - MALTA
Telephone: 21 451444
Giappo - Wampun -Blue Petrol
Giannini Jeanius - Shirts - Blazers
Trousers - Suits - Ties - Socks
Underwear
